Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell,* 14|03|2013
Ares(2013)338244

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzjak għall-Opinjoni motivata dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar it-tħaddim tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi {COM (2012) 130 finali}.*

*F'Mejju 2012, wara li ġew adottati l-Opinjonijiet motivati minn 12-il Parlament nazzjonali u li jirrappreżentaw total ta' 19-il vot, ġie attivat il-mekkaniżmu tal-"karta s-safra" skont il-Protokoll Nru 2 tat-TFUE fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-argumenti mressqa mill-Parlamenti nazzjonali fl-opinjonijiet motivati tagħhom, filwaqt li ħadet nota li t-tħassib muri għandu x'jaqsam b'mod partikolari mal-valur miżjud tal-abbozz tar-Regolament, l-għażla tal-bażi legali, il-kompetenza tal-UE li tilleġiżla fir-rigward ta' dan, l-implikazzjonijiet tal-prinċipju ġenerali mdaħħla fl-Artikolu 2 tal-abbozz tar-Regolament u r-referenzi għall-prinċipju ta' proporzjonalità fl-Artikolu 3(4) u fil-premessa 13 tal-abbozz tar-Regolament, l-aċċess ugwali għall-mekkaniżmi biex jittrattaw it-tilwim u l-mekkaniżmu ta' twissija. Il-Kummissjoni abbażi ta' din il-valutazzjoni ma sabitx li l-prinċipju ta' sussidjarjetà inkiser.*

*Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-opinjonijiet espressi kif ukoll l-istat li fihom jinsabu d-diskussjonijiet dwar ir-Regolament propost fost il-partijiet interessati relevanti, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien improbabbli li l-proposta tiġbor l-appoġġ meħtieġ u, wara li informat lill-parlamenti nazzjonali u lil-leġiżlatur tal-UE bl-intenzjoni tagħha, fis-26 ta Settembru rtirat il-proposta.*

*L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni kien li tiċċara l-prinċipji ġenerali u r-regoli applikabbli fil-livell tal-UE rigward it-tħaddim tad-dritt fundamentali li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà tal-istabbiliment, inkluża l-ħtieġa li jiġu rikonċiljati fil-prattika f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Il-Kummissjoni temmen li dan ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri waħedhom u jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea.*

*Dr. Michael FRENDO*
*President tal-*
*Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT – VALLETTA CMR 2000*

*Minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjoni esplicita fit-Trattat, ir-Regolament propost kien ibbażat fuq l-Artikolu 352 tat-TFUE. Huwa minnu li l-Artikolu 153(5) tat-TFUE jeskludi d-dritt tal-istrajkjar mill-firxa ta' kwistjonijiet li jistgħu jiġu rregolati madwar l-UE bi standards minimi permezz tad-Direttivi. Madankollu, id-deċiżjonijiet tal-Qorti wrew biċ-ċar li l-fatt li l-Artikolu 153 ma japplikax għad-dritt tal-istrajkjar ma jeskludxi l-azzjoni kollettiva mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li Regolament kien ikun l-iktar strument legali xieraq biex jiċċara l-prinċipji ġenerali u r-regoli applikabbli fil-livell tal-UE sabiex f'sitwazzjonijiet transfruntieri t-tħaddim tad-drittijiet fundamentali jiġi rrikonċiljat mal-libertajiet ekonomiċi. Applikabbli direttament, ir-Regolament propost kien inaqqas il-kumplessità regolatorja u joffri ċertezza legali akbar għal dawk li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni madwar l-Unjoni billi jiġu ċċarati r-regoli applikabbli.*

*Barra minn hekk, ir-Regolament propost kien jirrikonoxxi l-irwol tal-qrati nazzjonali fl-istabbiliment tal-fatti u jaċċerta jekk l-azzjonijiet isegwux għanijiet li jikkostitwixxu interess leġittimu, humiex adatti sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u jekk imorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dawn jintlaħqu. Kien bl-istess mod jirrikonoxxi l-importanza tal-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali attwali għat-tħaddim tad-dritt tal-istrajkjar, inklużi l-istituzzjonijiet eżistenti alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, li la kienu se jinbidlu u lanqas jintlaqtu mill-proposta. Tabilħaqq, il-proposta ma kinitx se toħloq obbligu biex jiġi stabbilit tali mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni informali tat-tilwim industrijali fil-livell nazzjonali li kien iwassal għal xi tip ta' kontroll preġuriżdizzjonali fuq l-azzjonijiet industrijali (kif jissuġġerixxi r-rapport Monti tal-2010), u minflok hija tindika l-irwol ta' mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni informali li jeżistu f'għadd ta' Stati Membri.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jservu biex jiċċaraw il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni u tistenna bil-ħerqa li tkompli d-djalogu mal-Kamra tad-Deputati dwar din il-kwistjoni u oħrajn.*

*Dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefčovič*
*Viċi President*